# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 17**
**Rik. Gur. Nru. 108/12 JZM**

**Safe Trading Company Ltd.**

***kontra***

**France Bonavia**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-3 ta` Frar 2012 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta` sittax-il elf, tmien mija u erba` Ewro (€16,804) bilanc tal-prezz ta` xogholijiet, inkluz finishing works, dekorazzjoni, stallazjoni tas-sistema tad-dawl u l-ilma*

*u fornituri relatati, dovuta minnu skond kuntratt ta` appalt datat 4 ta` Dicembru 2010, oltre l-imghaxijiet legali mill-15 ta` Settembru 2011.*

*2. Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex ihallas l-ammont hekk dovut minnu, sa llum baqa` ma hallasx.*

*3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.*

*Ghaldaqstant, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega skond il-ligi, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(i) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh taghha ghat-tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili ; u*

*(ii) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti s-somma ta` sittax-il elf, tmien mija u erba` Ewro (€16,804) bilanc tal-prezz ta` xogholijiet, inkluz finishing works, dekorazzjoni, stallazzjoni tas-sistema tad-dawl u l-ilma u fornituri relatati, dovut minnu skond kuntratt ta` appalt datat 4 ta` Dicembru 2010, oltre l-imghaxijiet legali mill-15 ta` Settembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 15 ta` Settembru 2011, u tal-mandat ta` sekwestru prezentat fis-17 ta` Jannar 2012 u bl-imghaxijjiet legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut, li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2012, wara li ddikjarat ruhha sodisfatta li l-konvenut kellu eccezzjonijiet x`jaghti kontra t-talba attrici, tat lill-konvenut ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fil-<u>21 ta` Marzu 2012</u> u taqra hekk :–

*1. Illi t-talba ghall-hlas ta` sittax- il elf tmien mija u erbgha Ewro (€16,804) ghandha tigi michuda kemm fil-fatt u fid-dritt u dan peress li s-socjeta` attrici ma komplietx ix-xoghol kif miftiehem fil-kuntratt t`appalt datat 4 ta` Dicembru, 2010 u li ghalhekk skont l-Artiklu 8 tal-istess kuntratt s-socjeta` ma onoratx il-ftehim u ghandu jitnaqqas mill-valur tax-xoghol li lahaq sar penali ta` sebgha Ewro u hamsin centezmu (€7.50) ghal kull jum ta` inadempjenza u tardivita` u dan kif ser jirrizulta iktar waqt is-smigh tal-provi ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici kienet giet interpellata b`diversi ittri legali nkluz sabiex ikunu konkluzi x-xogholijiet fosthom l-ittra legali tat-30 ta` Mejju, 2011 u ittri ohra tat-22 ta` Settembru 2011 u 3 t` Awwissu 2011 li gew injorati minghajr ebda raguni valida mill-istess socjeta` attrici ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut diga` hallas skond il-ftehim dak mitlub fis-sub- paragrafu 1 l-ammont ta` tnax- il elf disa` mija u tnejn u ghoxrin Ewro (€12,922) b`cheque mahrug mill-Bank of Valletta fl-04 ta` Dicembru 2010 u dak indikat fis-sub artiklu 3 `upon completion of phase 2 fl-ammont ta` €11,076 mahrug fit-28 ta` Frar, 2011 fejn dawn il-pagamenti kienu thallsu sakemm is-socjeta` attrici lestiet il-phase 2 tal-progett u ghalhekk thallset a saldu ta` fejn ghamlet ;*

*4. Illi mhux talli l–konvenut ma baqalux x` jaghti dak mitlub, imma li kieku s-socjeta` attrici lestiet ix-xoghol kif miftiehem il-konvenut kellu jaghti pagament ta` hdax- il elf u sitta u sebghin Ewro (€11,076) u wara l-konkluzjoni tax-xogholijiet fi zmien sena akkont iehor ta` €1876 kif indikat fis-sub-paragrafu 4 tal-Artiklu 5 tal-kuntratt, imma mhux talli ma garax hekk izda biex jitlestew ix-xogholijiet meta s-socjeta` attrici abbandunat ix-xogholijiet il-konvenut kellu jqabbad terzi sabiex jikkonkludu x-xogholijiet liema xogholijiet il-konvenut dahal fi spejjez addizzjonali li in toto*

*jammontaw tlettax- il elf mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€13,168.47) u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi ;*

*5. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Spejjez kontra s-socjeta` attrici li minn issa hi ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-25 ta` April 2012 fejn, in vista tan-natura tal-eccezzjonijiet, ordnat l-inverzjoni tal-provi.**

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-konvenut, flimkien mad-dokumenti kollha li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Pierre Debono fl-udjenza tal-20 ta` Novembru 2012.

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Novembru 2012 fejn, wara kwezit tal-Qorti, il-konvenut ikkonferma li mit-tielet fazi tal-ftehim li kellu mas-socjeta` attrici, din ma ghamlet l-ebda xoghol, u ghalhekk m`ghandha jedd tithallas xejn ; ix-xoghol kollu tat-tielet fazi (jew kwazi) sar kollu mill-konvenut.**

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013 u rat id-dokument li pprezenta l-konvenut.

Semghet ix-xiehda ta` Anthony Micallef ghal Verredemic Limited, u Anthony Ventura ghal Ventura General Gas Company Limited fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2013, u rat id-dokument li kien ipprezentat fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Melanie Zerafa ghal S & S Bathrooms Limited, ta` Mary Cauchi ghal Framegrip Limited, u ta` Guilio Azzopardi ghal Solar Engineering Limited fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2014.

Semghet ix-xiehda ta` David Fenech, Jonathan Debattista u Adrian Bonavia fl-udjenza tas-17 ta` Frar 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Benjamin Bugeja u Francis Bajada fl-udjenza tal-24 ta` April 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Franco Grech fl-udjenza tad-9 ta` Gunju 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Krasmir Mordnov fl-udjenzi tad-9 ta` Gunju 2014 u tas-16 ta` Ottubru 2014, u rat id-dokument li pprezenta x-xhud fl-ahhar udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru fl-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2015.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat il-bqija tal-atti tal-kawza.

Rat illi ma kienx ostakolu sabiex is-sentenza ma tinghatax illum.

## II. Provi

**Francis Bonavia** xehed illi ried jaghmel il-*finishings* ta` zewg appartamenti u cioe` Flat 3 u Flat 4, Avenue Apartments, 21st September Avenue, Naxxar u nkarika lis-socjeta` attrici ghal dan ix-xoghol. Pierre Debono ghas-socjeta` attrici ghaddielu lista tax-xogholijiet li kellhom isiru. Il-konvenut ipprezenta din il-lista. Wara li Debono mar fuq is-sit, huwa hareg bil-prezz ta` €36,920. Sar kuntratt ta` appalt datat 4 ta` Dicembru 2010. Skont il-kuntratt, l-appartamenti kellhom jitlestew sat-30 ta` Awissu 2011. Fid-data tal-kuntratt, huwa hallas depozitu ta` €12,922 lill-kumpannija attrici.

Kompla jixhed illi s-socjeta` attrici ghaddiet biss il-pajpijiet u l-wires fil-flats minn gewwa filwaqt li minn barra ma ghamlet xejn tant li kellu jlesti ix-xoghol hu. It-tieni depozitu kellu jithallas wara li titlesta t-tieni fazi tax-xoghol izda Debono talbu l-flus minn qabel. Il-konvenut accetta u hallas is-somma ta` €11,076 fit-28 ta` Frar 2011. Mat-tieni fazi tax-xogholijiet, bdew l-intoppi. Debono infurmah li kellu jmur persuna jwahhal l-aluminium u li l-konvenut kellu jhallsu. Il-konvenut gharraf lil Debono li huwa kellu jhallas lill-kumpannija attrici biss u nsista li kien diga` hallas ghal dawk l-aperturi. Il-konvenut kellem lill-persuna li wahhlet l-aluminium u nfurmaha li huwa ma kellux x` jaqsam mal-hlas tas-servizzi tieghu.

Xehed illi ntant bdew diskussjonijiet dwar it-tielet fazi. Qal li kien hemm problema dwar il-bibien peress li ghalkemm Debono kien weghdu li l-bibien interni kellhom ikunu *solid* mic-Cina, imbaghad riedu jaghzel bieb tal-*Construct Furniture* li ma kienx ghogob lill-konvenut. Debono tah stima ta` hlas zejjed li kellu jhallas il-konvenut jekk jaghzel bibien ohra. Kif tlesta l-aluminium, Debono cempillu u qallu biex jinsih u li jekk irid, kellu jkompli x-xoghol hu. Wara dakinhar, ipprova jikkomunika ma` Debono izda bla success. Ghalhekk baghat ittra legali biex jitkompla x-xoghol u tibda t-tielet fazi.

Stqarr illi saret laqgha ma` Pierre Debono u Franco Grech. Huwa talab li x-xoghol ikompli. Debono ma tkellem xejn. Grech infurmah sabiex jara x`kien ghad fadal u jaghmel ix-xogholijiet il-konvenut stess. Ighid illi s-socjeta` attrici kienet ghadha ma lestietx il-punt nru 2 tal-kuntratt (li huma l-internal doors), il-punt nru 15 (li hija l-main bathroom ghax kien jonqosha l-mirja, il-fittings u l-bqija peress kienu tqieghdu biss il-banju u t-toilet), il-punt nru 16 (l-en suite bathroom li kien jonqosha l-mirja, xi fittings u geyzers), il-punt nru 18 (l-airconditioning li minnu ma kien sar xejn) u l-punt nru 20 ghaliex l-internal yard u l-back balconies ma sar xejn. Mill-ahhar fazi, skont l-art 4 tal-klawsola 2 tal-kuntratt (water and electrical utilities) ma kien tlesta xejn.

Fisser illi huwa mar ghand Ventura li kienet il-kumpannija li Franco Grech kien avvicina precedentement ghall-*airconditioners* u hallas €3850. Il-madum tal-kcina ma kienx ghadu lest u kellu jmur ghand l-S&S Bathrooms Limited fejn xtara madum ghal €338.81 u qabbad lil Jonathan Debattista biex ipoggihom versu l-hlas ta` €260. Ghamel spejjez ohra tal-bathrooms u tal-kcina fosthom ix-xiri ta` sinks u fittings li gew jiswew €237 u €185. Ghamel spejjez ma` Framegrip Limited biex installa tankijiet fuq il-bejt,

spiza ta` €477.76c. Kellu jghaqqad il-meter ta` l-ilma mat-tank u ghalhekk kellu jinkarika lil Krasimir Marinov u hallsu €272.76c. Hallas ukoll dawn l-ispejjez : €608.01 ghall-geyzers ; €82.87c ghall-fittings ta` dawl ta` barra ; €26.09 lill-Kunsill Lokali Naxxar wara li Pierre Debono ordna trakk biex ittella` t-torba ; €2.33 ghal permess mill-Kunsill Lokali ; €284.35c ghal spejjez ta` finishings varji ; €512 ghall-akkwist ta` mirja ghall-kmamar tal-banju ; €220 ghall-hasil taz-zewg flats ; €4,600 ghal hdax (11) –il bieb ta` gewwa ; €270 ghas-servizzi ta` electrician ; €111 ghal disa` (9) ventilaturi ; €220 ghal bzonnijiet mixtrija minghand Archway Ironmongery ; €40 ghal kiri ta` crane li tella` t-tankijiet ; €88 ghat-tiswija tal-kamra tal-banju ta` Flat 4 ; u €500 ghal finishings taz-zewg appartamenti.

Il-konvenut insista illi nkorra dawk il-hlasijiet hu ghaliex is-socjeta` attrici ma komplietx ix-xoghol, u wara li Debono avzah li ma riedx ikompli.

Il-konvenut sostna li ma kellu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.

Qal illi in segwitu huwa rcieva ittra legali segwita minn ittra ufficjali biex ihallas €16,804 ta` xoghol li s-socjeta` attrici baqghet ma ezegwietx.

Il-konvenut ipprezenta kopja ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Pierre Debono".

**Pierre Debono** – direttur tas-socjeta` attrici – kien imsejjah biex jixhed mill-konvenut. Ighid illi s-socjeta` attrici kienet inkarikata mill-konvenut sabiex taghmel xoghol ta` kisi, madum, dawl, ilma u tibjid ta` zewg appartamenti. Ix-xoghol li kellu jsir kien imnizzel fi skrittura ta` appalt u tlesta. Kienu miftehma r-rati, il-prezz u z-zmien li kellha tiehu t-tlestija tax-xoghol. Li ma tlestewx kienu l-bibien ta` gewwa ta` u l-air conditioning units. Gara li l-konvenut ried ikabbar l-*airconditioners power* ; ghalhekk huwa qabbad lill-konvenut dirett mas-supplier sabiex jixtri dak li xtaq b`dana illi nqata` mill-kont l-ammont li kien miftiehem fil-kuntratt. Dwar il-bibien ta` gewwa, hu u Franco Grech kien urew lill-konvenut bibien tal-Construct Furniture izda l-konvenut ma riedx dawk il-bibien. Il-konvenut insista li ried bibien solid u li ibnu li huwa mastrudaxxa jaghmel il-bibien. Huma offrew lill-konvenut li jaqta` l-prezz tal-bibien mill-kont.

Debono ppreciza illi fil-bidu lill-konvenut kienu ghogbuh il-bibien tal-Construct Furniture li kienu urewh izda mbaghad ghal xi raguni bidel il-fehma. Huwa cahad li qatt sar xi ftehim fis-sens illi l-bibien jingiebu solid mic-Cina. Mistoqsi dwar il-kmamar tal-banju, Debono spjega li dawn kienu tlestew hlief ghal mirja. Hadu lil Bonavia ghand supplier tal-bathrooms Centro Bagno izda lill-konvenut ma kienux ghogbuh il-mirja li kienu suppliti. Kien miftiehem li s-socjeta` attrici kellha taghti lil konvenut il-prezz tal-mera minn fejn tixtriha hi u imbaghad hu seta` jmur jixtri minn fejn ried hu. Il-konvenut ried mera li tiswa` mal-€400. Huwa qal lill-konvenut illi l-mera li tforni s-socjeta` attrici kienet standard. Insista li l-fittings tal-banju, is-shower head, l-accessorji ta` WC u anke l-fittings tas-sink kienu kollha stallati. Adirittura s-sink inbidel darbtejn peress li l-konvenut l-ewwel riedu mod u mbaghad riedu mod iehor.

Ix-xhud ikkonferma li s-socjeta` attrici thallset ta` l-ewwel u tat-tieni fazi tax-xogholijiet. Is-socjeta` attrici ma thallsitx tax-xogholijiet tat-tielet fazi minkejja li dawn kollha tlestew. Tqieghed anke l-iskirting li jithalla nieqes fejn ikun ser jitwahhal il-bieb. Sar it-tibjid kollu ta` kullimkien, l-water and electrical utilities kollha, u anke l-preparazzjoni tal-air conditioning installation. Irrimarka li l-air conditioning inqata` mill-ammont li l-konvenut kellu jaghti lis-socjeta` attrici. Kien il-konvenut illi hallas lis-supplier ta` l-airconditioners.

Qal illi l-konvenut kien icempillu kontinwament biex l-ghada li jkun sar ftehim dwar xi haga javzah li jkun bidel il-hsieb. Spjega li f`okkazjoni minnhom, huwa kellu sa jkisser il-bathrooms u l-en suites peress li l-konvenut iddecieda li jbiddel l-madum minn griz ghal ahmar. Ix-xoghol tkompla wara li saret laqgha ohra mal-konvenut. In segwitu baghat lil Simeon Ivanov biex ikompli x-xoghol. Qal illi kien il-konvenut li applika ghal permess mill-kunsill lokali sabiex jidhol trakk halli jtella` t-torba. Il-kont ta` €16,840 jinkludi l-VAT. L-ammont pretiz ikopri x-xogholijiet kollha li kienu ezegwiti mis-socjeta` attrici skont il-ftehim li kellha mal-konvenut.

**Anthony Micallef** ghall-kumpannija Verredemic Limited (li timmanifattura mirja tal-kmamar tal-banju) xehed illi s-socjeta` pprovdiet lill-konvenut b`mirja ta` kmamar tal-banju. Huwa jghid li huwa qatt ma ta xoghol jew hallas lis-socjeta` attrici. Ighid li l-konvenut ma kienx infurmah bi problemi li kellu mas-socjeta` attrici. Ikkonferma l-ircevuta li kienet annessa mal-affidavit tal-konvenut bhala dik li tikkoncerna l-hlas relattiv li sar lis-socjeta` fornitrici. Ma hargitx fattura izda ricevuta. Kien il-konvenut li ghamel l-ordni.

**Anthony Ventura** ghas-socjeta` Ventura General Gas Company Limited xehed illi s-socjeta` tbiegh *white goods.* Kien muri dokumenti li harget il-kumpannija. Qal illi s-socjeta` thallset depozitu ta` €1,000. L-ordni saret mill-konvenut. Il-figura totali mhallsa kienet ta` €3,650. Jidher li kien hemm *part exchange.*

**Melanie Zerafa** ghal S & S Bathrooms Ltd xehdet illi l-konvenut xtara xi madum minghandhom u hallas *cash.* Ikkonfermat id-dokumenti a fol 38, 40 u 41 tal-process.

**Mary Cauchi** ghal Framegrip Ltd xehdet illi l-konvenut hallas b`cheque nru 958 is-somma ta` €416.50c (VAT inkluza) ghal *water tank* u *ball valve.* Ikkonfermat ir-ricevuta a fol 42 tal-process fl-ammont ta` €477.76c ; dettalji ma kellhiex hlief illi kienet *cash sale* taghhom.

**Giulio Azzopardi** ghal Solar Engineering Ltd xehed illi l-konvenut ordna erba` (4) geysers li gew ikkonsenjati u mhallsa. Ikkonferma r-ricevuta a fol 44 tal-process.

**David Fenech** xehed illi ghamel xoghol ta` *handyman* ghall-konvenut. B`inkariku tal-konvenut, huwa hasel zewg appartamenti u thallas. Ikkonferma r-ricevuta Dok T. Qal li ma jaf xejn dwar is-socjeta` attrici.

**Jonathan Debattista** xehed illi huwa jahdem bhala *tile layer.* Kien inkarikat mill-konvenut sabiex iqieghed il-madum tal-hajt go zewg postijiet fin-Naxxar. Huwa thallas mill-konvenut tax-xoghol tieghu. Ikkonferma r-ricevuta a fol 39. Ighid illi m`ghandu x`jaqsam xejn ma` s-socjeta` attrici.

**Adrian Bonavia** xehed illi huwa jahdem ta` mastrudaxxa u jigi iben il-konvenut. Ighid illi missieru nkarikah sabiex jahdem il-bibien ghal zewg appartamenti li jinsabu fil-blokk bl-isem "Avenue Apartments", 21st September Avenue, Naxxar. Missieru hallsu tax-xoghol. Ikkonferma r-ricevuta Dok Q. Huwa ma dahalx fil-kwistjoni li missieru ghandu mas-socjeta` attrici.

**Benjamin Bugeja** – skrivan fil-Kunsill Lokali Naxxar - xehed illi nhareg permess bin-nru 793 fis-6 ta` Gunju 2011 f`isem il-konvenut sabiex isir xoghol fi Vjal il-21 ta` Settembru quddiem il-fond numru 81. Ix-xoghol kien jikkonsisti filli kellu jingieb fit-triq makkinarju li kellu *lifter*. Il-permess hareg ghall-gurnata tat-8 ta` Gunju 2011 bejn 1.00 p.m. u t-3.00 p.m. Ikkonferma d-dokumenti a fol 46 u 47 tal-process.

**Francois Bajada** ghal Bajada General Store tal-Hamrun xehed illi mill-hanut taghhom jinbieghu *harware goods* inkluz zebgha. Ikkonferma r-ricevuta a fol 43 tal-process li hija *cash sale*. Qal li ma jafx x'kien il-materjal akkwistat, fejn intuza u min kien ix-xerrej.

**Krasmir Mordnov** xehed illi huwa jahdem bhala *electrician*. Ighid illi ghamel xoghol fil-flats 3 u 4 fi Avenue Court, 21st September Avenue, Naxxar. Inghata l-inkariku minn Pierre Debono sabiex jaghmel l-istallazzjoni tad-dawl, ilma u drenagg. Debono hallsu l-ispejjez tal-materjal. Debono kien ghadu ma hallsux tax-xoghol tieghu. Il-konvenut inkarikah sabiex jistalla zewg tankijiet ta` l-ilma ghal dawn iz-zewg flats. Il-konvenut hallsu tal-materjal. Thallas ukoll tax-xoghol ta` stallazzjoni tat-tankijiet. Ikkonferma r-ricevuta a fol 43.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud sostna li Pierre Debono kien ghad fadallu jithallsu xi flus. Ipprezenta kopja ta` ricevuta li hareg a favur ta` Pierre Debono ghax-xoghol li ghamel fil-postijiet proprjeta` ta` l-konvenut.

**Franco Grech** xehed illi ghamel zmien jahdem ma` Pierre Debono bhala *freelancer project manager*. Huwa kellu x`jaqsam ma` x-xogholjiet li saru fl-appartamenti tal-konvenut fin-Naxxar. Ix-xoghol kien maqsum fi tliet (3) fazi : l-ewwel fazi kienet l-istallazzjoni tad-dawl u l-ilma ; it-tieni fazi kienet il-madum u *plastering* ; u t-tielet fazi kienet il-*finishes, airconditioning*, bibien interni, *skirting* mal-*perimeter* u l-*aluminium* biex jinghalqu l-aperturi. Il-konvenut kien klijent tas-socjeta` attrici. Mill-informazzjoni li ghandu, il-konvenut baqa` ma hallasx tax-xoghol tat-tielet fazi. Ighid illi fl-ewwel u fit-tieni fazi ma kienx hemm dizgwid bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut. Id-dizgwid beda fit-tielet fazi minhabba l-bibien interni. Jaf illi l-konvenut kien muri bibien li kienu ghogbuh izda wara bidel fehmtu u ordna l-bibien minghand ibnu li jahdem ta` mastrudaxxa. Jaf illi saru xi laqghat biex jintlahaq ftehim il-bibien izda minkejja li saru laqghat, mid-data ta` l-ircevuti ezebiti, jidher li minkejja li kienu qed isiru laqghat u anke

ntbaghtet ittra bl-avukat fejn gie kkomplimentat ix-xoghol li sar izda sar accenn ghad-dizgwid fuq il-bibien, il-konvenut kien gia` ordna l-bibien minghand ibnu.

Stqarr illi fil-ftehim ma kienx tnizzel li l-bibien kellhom ikunu *solid*. Fisser illi huwa kien ha lill-konvenut go fond fi Triq Manuel Dimech, Sliema, fejn kien hemm imwahhlin il-bibien offruti lill-konvenut sabiex dan ikun jista` jarahom. Dawn il-bibien kienu dawra mejt *solid* u kienu mimlija bil-*compressed fibre boards*. Sakemm dawwar il-fehma, il-bibien kienu ghogbu lill-konvenut. Kien issuggeriet lil Pierre Debono sabiex jinqata` l-ammont tal-prezz tal-bibien li kienet sejra tissupplixxi s-socjeta` attrici, izda l-konvenut baqa` jinsisti li kellu jitnaqqas il-prezz ta` bibien *solid* hekk kif xtrahom hu minghand ibnu. Ix-xhud ikkonferma li l-bibien li kien muri l-konvenut kienu ta` *Construct Furniture.* Ghalkemm diversi kienu l-appuntamenti li saru ghand *Construct Furniture* sabiex il-konvenut jara l-bibien, il-konvenut qatt ma mar ; irrizulta wara li kien diga` ordna l-bibien minghand ibnu.

Spjega illi s-socjeta` attrici naqqset mill-ammont dovut mill-konvenut is-somma ta` €235 ghall-bibien interni mentri l-konvenut baqa` jinsisti li kellha titnaqqas is-somma ta` €450 rapprezentanti l-prezz ta` bibien *solid.* Ix-xoghol kollu miftiehem mal-konvenut tlesta mis-socjeta` attrici. Ighid illi l-konvenut ghazel madum tal-kmamar tal-banju ; wara li twahhal min-nies tas-socjeta` attrici, ma kienx ghogbu. Huwa ta parir lil Pierre Debono biex ma jaccettax li jerga` jibdel il-kmamar tal-banju peress li kien il-konvenut li ghazel il-madum u ffirma d-dokumenti. Cio` nonostante Debono bidel il-madum u rega` wahhlu. Id-differenza fil-madum kienet kbira hafna. Il-konvenut kien allega li Centro Bagno kien imita l-firma tieghu u kiteb fuq il-firma tieghu ghal madum iehor differenti.

Ix-xhud xehed li wara li twahhlu l-bibien, sar ukoll l-*iskirting.* Il-kmamar tal-banju saru kollha nkluz il-*mixers* ; il-mirja ma kinux inkluzi. Fl-ahhar laqgha li saret, huwa u l-konvenut daru l-lista *item* wara l-iehor u mmarkaw dak kollu li tlesta, izda l-konvenut ma ffirmax il-lista. Il-konvenut zied *points* ta` l-elettriku aktar milli kien miftiehem fil-kuntratt.

Fil-**kontroezami**, Franco Grech qal illi l-konvenut ried *airconditioners* ta` sahha akbar minn dik stipulata fil-kuntratt u ghalhekk il-konvenut kellu jhallas hu d-differenza fil-prezz.

## III. <u>Risultanzi</u>

Mill-kumpless tal-provi, hargu zewg posizzjonijiet opposti u kontrastanti. Min-naha wahda, is-socjeta` attrici b`li xehdu Pierre Debono u Franco Grech issostni li tlestew ix-xogholijiet kollha elenkati fil-kuntratt ta` appalt esebit bhala Dok A mar-rikors guramentat a fol 4 tal-process u bhala Dok B mal-affidavit tal-konvenut a fol 29. Min-naha l-ohra l-konvenut jikkontesta dan u jinsisti li x-xoghol ma tlestiex tant li kellu jinkarika terzi persuni sabiex jikkompletaw dak li halliet inkompjut is-socjeta` attrici.

Dan premess, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/LSO</u>**) fid-19 ta` Novembru 2013 fil-kawza "**<u>Peter Montebello vs Peter Montebello et</u>**" fejn inghad hekk :-

*"Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili." (PA (NC)" **Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et**" - Deciza 28 April 2004.*

*U kif gie kkonfermat fis-sentenza "**Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella**" (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001) : "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Madanakollu "l-Qorti ... ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk talkonsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lillohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur."*

Ta` l-istess portata hija s-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-6 ta` Dicembru 2011 fil-kawza "**<u>Dhalia Investments Limited (C1604) vs Gloria Pont</u>**" fejn inghad :

*" … fil-fatt jirrizulta li l-istess Tribunal mexa sew fuq ir-regoli ta' provi hawn citati u ndikati fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" (A.I.C. (P.S.) 24 ta' Marzu 2004) fis-sens li :-*

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

*Illi kif gie dikjarat fis-sentenza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003 :-*

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, ilkriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Fl-gharbiel tal-provi li tressqu fil-kawza tal-lum, il-Qorti mxiet fuq il-principji tad-dritt traccjati fil-gurisprudenza citata u f`sentenzi ohra li hadu l-istess linja.

Mid-dokumenti prezentati bhala prova, jidher li skont il-kuntratt ta` appalt (fol 4 jew fol 29 tal-process), ix-xogholijiet kienu : "*decoration and finishing work, water and electrical utilities, air-conditioning preparation, as better described in the attached contract of works.*" Fil-*contract of works* (fol 32) jirrizulta li x-xoghol li kellu jsir kien dan li gej :-

1. *All external apertures leading to the outside area are to be finished in white aluminium ;*
2. *Internal doors ;*
3. *Gypsum plastering throughout the apartment ;*
4. *Two coats of white water paint for all the walls ;*
5. *High quality gres floor tiles for the whole apartment ;*
6. *Skirting around the full perimeter of the apartment ;*
7. *Electricity preparation with four electricity points in each room ;*
8. *Electricity preparation for A/C units living room and main bedroom ;*
9. *Electricity preparation for cooker and all other kitchen appliances*
10. *Video hall porter in living room ;*
11. *TV points for cable TV in living room and main bedrooms ;*
12. *Telephone points in living room and main bedrooms ;*
13. *Plumbing preparation of the kitchen appliances and sink ;*
14. *Plumbing preparation for the two bathrooms;*
15. *Main bathroom to be completely finished with all fittings and accessories ;*
16. *Ensuite bathroom to be completely finished with all fittings and accessories ;*
17. *False ceiling for main bathroom and ensuite including spot lights ;*
18. *A/C conditioning units for all bedrooms and main living area, seven (7) in total, 12,000 BTU for the bedrooms and 24,000 BTU for the living areas.*
19. *Back balconies are to be finished in white aluminium railings.*
20. *Outside area including balconies and terraces are to be finished.*

Il-ftehim bejn il-partijiet kien jahseb ghal skeda ta` ezekuzzjoni tax-xogholijiet :-

*(1) The first phase of the service building shall be completed by March 27, 2011, which includes the water and electricity installation, gypsum plastering and floor preparation for tile laying.*

*(2) The second phase of the building shall be completed by May 20, 2011 and shall include the laying of the floor tiles, bathoroom suite and alum. apertures.*

*(3) The final phase will include the decoration and finishing work, water and electrical utilities, air conditioning installation, internal door apertures and the rest of the works, shall be completed by August 26, 2011.*

*(4) Clean up upon Completion: from August 26, 2011 to August 30, 2011, Party B shall deliver part of the Project to Party A on the deadline."*

Skont ix-xiehda tal-konvenut, id-disgwid mas-socjeta` attrici kien dwar il-punti segwenti :-

i) Il-bibien interni ;
ii) Il-*fittings* u l-mirja tal-*main bathroom ;*
iii) Il-*fittings* u *geyzers* tal-*ensuite bathroom ;*
iv) L-a*irconditioning ;*
v) L-ebda xoghol fl-*internal yard* u fil-*back balconies ;*
vi) Il-madum ta` mal-hajt tal-kcina ;
vii) Xiri u stallazzjoni ta` tankijiet ta` l-ilma.

Il-Qorti evalwat ix-xiehda tal-konvenut fil-kuntest tad-dokumenti li ffirma u cioe` il-kuntratt a fol 29 et seq, li mieghu kien anness il-*contract of works* a fol 32.

Tosserva mill-ewwel illi certa lanjanzi li ressaq il-konvenut ma jidhirx li kienu xogholijiet li kienu mnizzla fil-kuntratt u lista tax-xogholijiet esebiti. Infatti l-Qorti sejra tiskarta l-ilmenti li ghamel il-konvenut dwar (i) il-madum tal-hajt tal-kcina, li din il-Qorti tghid illi ma kienx inkluz stante li l-ftehim jindika *floor tiles* u *floor preparation for tiles* ; (ii) xiri ta` *geyzers* u (iii) xiri u stallazzjoni ta` tankijiet ta` l-ilma. Dawn mhux inkluzi bhala xogholijiet li kellhom isiru skond il-ftehim.

Il-konvenut gab `il quddiem bhala prova diversi ricevuti ghal hlasijiet li ghamel fosthom hlas lill-Kunsill Lokali Naxxar, hlas ghax-xiri ta` ventilaturi, u hlasijiet lill-*electrician* biex iwahhal is-sistema ta` l-elettriku mal-*meter* tad-dawl. Din il-Qorti ma tarax li dawn ghandhom jigu kkunsidrati peress li lanqas dawn ma jirrizultaw li kienu xogholijiet li kellhom isiru a kariku tas-socjeta` attrici.

Dwar il-bibien interni, tirrizulta diskordanza fil-verzjonijiet ta` Pierre Debono u Franco Grech fuq naha wahda illi sostnew li l-konvenut kien accetta l-bibien li urewlu izda mbaghad bidel fehmtu, u l-konvenut min-naha l-ohra li jsostni li l-ftehim kien dejjem li l-bibien kellhom ikunu ta` injam *solid* u ghalhekk irrifjuta l-bibien li offriet is-socjeta` attrici ghax ma kienux *solid.*

Fil-kuntratt ta` bejn il-partijiet, kull ma nkiteb dwar il-bibien kien *internal doors*. Ma kien specifikat xejn li kellhom ikunu ta` *solid wood* kif qed jippretendi l-konvenut. Billi ma tnizzel xejn b`mod specifiku, u ladarba li mill-kont li pprezenta r-rapprezentant tas-socjeta` attrici lill-konvenut (fol 35) tnaqqas il-prezz tal-*internal doors* mill-ammont dovut lis-socjeta` attrici, il-Qorti sejra twarrab il-pretensjoni tal-konvenut dwar il-bibien interni.

Dwar l-*airconditioners,* irrizulta li l-konvenut ried apparat li ghandu aktar qawwa. Jidher ukoll li nghata l-liberta` li jaghzel dak li jrid purche` jhallas id-differenza. Il-konvenut ghazel apparat superjuri fis-sahha. Irrizulta mill-kont a fol 35 illi tnaqqset is-somma ta` €3,380 mill-ammont li l-konvenut kellu jaghti lis-socjeta` attrici. Ghalhekk anke dan l-ilment partikolari tal-konvenut qed jigi skartat billi kien risolt mill-istess socjeta` attrici meta harget kont finali ridott mill-ispiza dwar l-*airconditioners.*

Dwar l-ilment tal-konvenut illi ma sarux il-*fittings* tal-kmamar tal-banju, din il-Qorti ma tistax taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenut. Jidher illi twahhlu l-*fittings* fil-kmamar tal-banju, kemm tal-*main bathroom* kif ukoll tal-*ensuite.* Ix-xhud Franco Grech jirreferi ghall-fatt li sar anke *pressure test* fuq is-sistema ta` l-ilma nstallata. Ma jidhirx li l-konvenut gab prova sufficjenti li tassew il-*fittings* li nxtraw kienu twahhlux tabilhaqq fil-kmamar tal-banju u mhux fil-kcina . Il-*fittings* tal-kcina ma kinux inkluzi fix-xogholijiet miftehma, ghad illi l-konvenut ghazel li jipprezenta rcevuti relatati ma` spejjez li kjarament jirrigwardaw il-kcina. Din il-Qorti tesprimi l-fehma li l-konvenut kien spiss jibdel fehmtu dwar dak li kellu jsir fiz-zewg appartamenti, u ghalhekk il-*fittings* semmai regghu inbidlu sabiex ikunu a pjacir tal-konvenut. Fl-istess waqt izda l-ispejjez kellu jbatihom il-konvenut. Inoltre fit-30 ta` Mejju 2011, jirrizulta li l-konvenut baghat ittra legali lis-socjeta` attrici (a fol 36) fejn iddikjarat li kien sodisfatt tax-xoghol li kien lahaq sar hlief ghall-kwistjoni tal-bibien interni. Il-Qorti tirrileva wkoll illi bosta mir-ricevuti li pprezenta l-konvenut ma jispjegawx ezatt x`jirrapprezentaw u kif u safejn ipattu ghall-allegati inadempjenzi tas-socjeta` attrici.

Dwar il-*mirja* tal-kmamar tal-banju, jidher li kien hemm dizgwid. Jidher li l-kmamar tal-banju kellhom ikunu kompletati minn kull accessorju. Din il-Qorti tqis illi mera tal-kamra tal-banju hija accessorju li kellha tkun inkluza fix-xogholijiet. Irrizulta izda li d-dizgwid kien li l-konvenut ried mirja li kienu oltre l-*budget* tas-socjeta` attrici. Madanakollu, kuntrarjament ghal

dak li gara fil-kaz tal-bibien interni u ta` l-*airconditioners*, is-socjeta` attrici ma ghamlet l-ebda riduzzjoni fil-kont taghha a fol 35 u ghaldaqstant il-Qorti tghid illi mill-kont globali, ghandha tigi ridotta s-somma ta` €512 rapprezentanti s-somma li thallset mill-konvenut lil Anthony Micallef ghax-xiri ta` mirja tal-kmamar tal-banju.

Dwar l-ilment li ma sar l-ebda xoghol fl-*internal yards* u *back balconies,* il-konvenut ma ressaq l-ebda provi jew xi pagamenti li allegatament ghamel lil terzi sabiex isiru dawk ix-xogholijiet. Ghalhekk il-Qorti qeghda twarrab l-ilment tal-konvenut.

Dwar l-ispejjez ghall-hasil ta' l-appartamenti, irrizulta li l-konvenut hallas €220. Da parti taghha, is-socjeta` attrici ma gabet l-ebda prova dwar tindif min-naha taghha. Ghalhekk il-Qorti sejra tnaqqas is-somma ta` €220 mill-bilanc dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici.

Evalwati l-ilmenti tal-konvenut, din il-Qorti sejra tghaddi biex tanalizza l-kont tas-socjeta` attrici a fol 35. Dan kien esebit mill-konvenut. Minnu jirrizulta *breakdown* ta` kif il-bilanc wasal ghal €16,804.

Minn dan id-dokument, din il-Qorti diga` rrilevat illi qeghda taccetta li giet ridotta mill-bilanc finali ammont ghall-bibien interni, u ammont iehor ghall-*airconditioners.* Jidher li l-ammont globali originarjament dovut kien dak ta` €36,920, ossija l-ammont li hemm indikat fil-kuntratt a fol 4 jew a fol 29 tal-process. Is-socjeta` attrici ziedet ma` dan l-ammont is-somma ta` €500 peress li saru *extra electricity points.* Is-socjeta` attrici ma ressqet l-ebda prova cirkostanzjata, dettaljata u korraborata. Ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta dan l-ammont u tibqa` tikkalkola dak li huwa dovut fid-dawl tas-somma originali ta` €36,920.

Il-Qorti rat ukoll li huwa minnu li skont il-kont a fol 35 gew indikati li thallsu mill-konvenut l-ammont ta` €23998, li bazikament huwa t-total taz-zewg depoziti maghmula mill-konvenut u murija a fol 33 u 34 tal-process. Ghalhekk dak li l-Qorti ma taqbilx huwa li l-ammont imnizzel bhala **balance** ghandu jkun ta` €6,972 u mhux €7,472, peress li ghandhom jonqsu €500.

Imbaghad fir-rigward tal-parti indikata fuq Dok E a fol 35 bhala VAT DUE ON ALL AMOUNT, l-ammont ta` VAT ghandu jkun dak ta` €6,645.60c

(u cioe` 18% ta` €36,920). Jidher mill-istess kont a fol 35 illi s-socjeta` rikorrenti ziedet mal-bilanc dovut mill-konvenut €1250, €950, u €396 bhala *extras including VAT removal of bathrooms and re-tiling of bathrooms including clearing, extra bathroom tiles u VAT due on extras.* Sar accenn fil-provi illi kien hemm okkazjoni fejn il-madum tal-kmamar tal-banju kellu jitkisser u jinbidel ghaliex il-konvenut ma kienx ghogbu l-madum. Da parti tas-socjeta` attrici, inghad illi kien il-konvenut li ghazel il-madum, iffirma ghalih u mbaghad xhin rah imwahhal iddecieda li ma riedx dak il-kulur u nsista li jinbidel peress li skont il-konvenut ma kienx il-madum li kien ghazel. Sa gie allegat li l-konvenut sostna li d-dokumenti ffirmati minnu ghand is-supplier ta` l-madum kienu jikkontjenu firma falza u li hu ma kienx iffirma. Da parti tieghu, il-konvenut ma semma xejn dwar il-fatt li l-madum tal-kmamar tal-banju kien tkisser u rega` gie nstallat madum gdid. Dan il-fatt hareg biss mix-xiehda ta` Pierre Debono u Franco Grech. Minkejja li l-konvenut ma semma xejn dwar dan il-fatt, din il-Qorti tqis illi ma nghatatx l-ahjar prova da parti tas-socjeta` attrici sabiex jintwera li verament kien tort tal-konvenut li ghazel tip ta` madum u li mbaghad xhin twahhal ma ghogbux bil-konsegwenza li kellu jerga` jinqala` u jitwahhal madum iehor. Is-socjeta` rikorrenti naqset li tressaq is-supplier ta` l-madum biex dan juri d-dokumenti fejn il-konvenut iffirma bl-ghazla tal-madum li kellu jitwahhal. Fid-dawl ta` dan in-nuqqas u in vista tal-fatt li kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tressaq prova daqstant rilevanti u determinanti, il-Qorti mhijiex sejra taccetta li mal-bilanc finali dovut mill-konvenut jizdiedu l-ammonti mnizzla bhala EXTRAS INCLUDING VAT.

Ghaldaqstant il-Qorti tghid illi l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici ghandu jkun dan li gej :-

| | |
|---|---|
| **TOTAL VALUE OF CONTRACT** | €36,920 |
| VAT DUE ON THIS AMOUNT | € 6,645.60 |
| | |
| **DEDUCTIONS** | |
| PAYMENTS UP TO DATE | €23,998 |
| DOORS INTERNAL | € 2,570 |
| AIRCONDITIONERS | € 3,380 |
| BATHROOM MIRRORS | € 512 |
| CLEAN UP OF APARTMENTS | € 220 |
| | |
| **TOTAL DUE** | **€12,885.60** |

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta` €12,885.60c.**

Qabel ma tqis il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti tghid illi fir-rigward ta` l-ewwel eccezzjoni, il-konvenut ma gabx provi sufficjenti dwarha. F`din l-eccezzjoni, il-konvenut allegat li mill-valur tax-xoghol li lahaq sar kellha titnaqqas il-penali ta` €7.50c ghal kull jum ta` inadempjenza u tardivita`.

Apparti li fl-ebda hin ma gew prezentati xi ittri nterpellatorji fejn kien invokat l-applikazzjoni ta` l-penali, kif ukoll lanqas saret kontrotalba, il-konvenut ma ressaq l-ebda provi dwar meta effettivament tlesta x-xoghol kollu u ghalhekk ma ndika l-ebda ammonti li allegatament huma dovuti lilu bhala penali mis-socjeta` attrici. Barra minn hekk, minn qari tal-klawsola relattiva, jidher li din il-penali kellha tiskatta biss fil-kaz illi s-socjeta’ attrici tkun “*intentionally delays project progress”* li ma jidhirx li huwa l-kaz peress li hawn si trattava ta` disputa dwar kwistjonijiet certament mhux intenzjonati u li dwarhom il-Qorti ghamlet il-kostatazzjoni u l-akkorgimenti taghha.

Nghaddu issa ghall-imghax.

Is-socjeta` attrici talbet il-hlas tal-imghax legali b`effett mid-data tal-ittra ufficjali tal-15 ta` Settembru 2011.

Ghal din l-ittra ufficjali hemm riferenza kemm fir-rikors guramentat kif ukoll fl-affidavit tal-konvenut li wkoll ikkonferma tali data bhala d-data ta` din l-ittra ufficjali u esebiha a fol 51 tal-process.

Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza “**Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et**”. Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.

Inghad hekk :-

*“L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm*

*anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom "**Noel Ellul vs James Gollcher**" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*

*Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*

*Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici.*

*Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.

Fl-ispecifiku inghad hekk :

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammontreklamat jibda jattratta l-interessi ("**O`Connor – vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-*

*rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe**". Hemm inghad illi l-imghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru l-imghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.

Fl-ispecifiku inghad hekk :-

*" ... kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O`Connor –vs- Bruno Olivier**", Vol XVI pI p84)."*

**Il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum l-interpellazzjoni ghall-hlas ta` l-ammont ta` €16,804 saret permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta` Settembru 2011. Mhux kontestat li dan l-att gudizzjarju kien notifikat lill-konvenut.**

**Wara li hadet kont tal-gurisprudenza citata, il-Qorti tirrileva illi billi l-ammont originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed ikun ridott bi ftit inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li, fil-fehma ta` din il-Qorti, ma jikkwalifikax bhala *ftit,* u dan wara process ta` likwidazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax legali ghandu jiddekorri b`effett mil-lum.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, riferibbilment ghat-tieni talba attrici,**

**tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici mhux l-ammont kif mitlub fl-istess talba, izda l-ammont ridott ta` tnax-il elf tmien mija hamsa u tmenin Ewro sittin centezmu (€12,885.60), ghar-ragunijiet dedotti fl-istess talba, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-15 ta` Settembru 2011 u dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat fis-17 ta` Jannar 2012, ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta` attrici u in kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mll-konvenut.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**